

## INFORMAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI

**Avviż mill-Gvern ta' Wallonia dwar l-applikazzjoni għal permess esklussiv għall-estrazzjoni ta' idrokarburi gassużi, magħruf bħala l-“permis du sud de Charleroi”**

(2020/C 372/05)

Dan l-avviż jinkludi l-perimetru taż-żona tat-tliet siti antiki tax-Charbonnages de Monceau-Fontaine: is-sit antik nru 19 “Bas Long Prés” fMarchienne-au-Pont, is-sit antik nru 23 “Cerisier” fMarcinelle u s-sit antik nru 24 “Fiestaux” fCouillet. Jirrigwarda l-estrazzjoni tal-gass minn minjieri li hemm fl-ispazji residwi tal-minjieri tal-estrazzjoni antiki.

Il-perimetru taż-żona huwa ddefinit hawn taħt fis-sistema ta' koordinati Lambert 72:

Punti	X [m]	Y [m]
1	152 132	123 126
2	153 955	122 474
3	153 921	122 280
4	154 572	121 753
5	155 653	121 550
6	157 064	120 821
7	157 880	120 633
8	158 403	119 595
9	158 748	119 047
10	158 722	117 155
11	157 045	116 198
12	157 039	117 804
13	156 324	119 247
14	155 331	119 142
15	154 554	118 607
16	154 038	118 602
17	154 165	116 909
18	153 485	116 828
19	152 995	117 176
20	152 916	117 161
21	151 972	117 375
22	152 174	118 454
23	151 575	118 552
24	151 320	119 581
25	152 025	119 902
26	152 066	119 947
27	150 788	120 206
28	149 003	119 572
29	148 285	119 971
30	147 939	123 371

Ir-riċerka u l-estrazzjoni tal-gass huma rregolati mid-Digriet Reġju Nru 83 tat-28 ta' Novembru 1939 rigward ir-riċerka u l-estrazzjoni ta' blat bituminuż, taż-żejt u ta' gassijiet kombustibbli.

Il-Ministru għall-Ambjent, in-Natura, il-Foresti, il-Ħajja Rurali u l-Benesseri tal-Annimali ta' Wallonia tistieden lill-persuni interessati f'din ir-riċerka u l-estrazzjoni biex jippreżentaw applikazzjoni għal permess, fi żmien disgħin jum mid-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż, skont l-istruzzjonijiet li ġejjin.

Il-kundizzjonijiet tal-preżentazzjoni tal-applikazzjonijiet huma speċifikati fl-Artikolu 6 tad-Digriet tal-Gvern ta' Wallonia tad-19 ta' Marzu 2009 li jiddetermina l-forma u l-modalitajiet dwar kif se jitwettqu l-applikazzjonijiet għal permess esklussiv għar-riċerka u l-estrazzjoni taż-żejt u ta' gassijiet kombustibbli, u li jemenda d-Digriet tal-Gvern ta' Wallonia tal-4 ta' Lulju 2002 li jstabbilixxi l-lista tal-proġetti sottomessi għal valutazzjoni tal-impatt u tal-installazzjonijiet ikklassifikati. L-applikazzjonijiet kollha għandhom jinkludu programm tal-estrazzjoni.

### **It-tressiq tal-applikazzjonijiet u l-kriterji għall-għoti tal-permess**

L-applikanti tal-applikazzjoni inizjali u tal-applikazzjonijiet kompetittivi għandhom jiġġustifikaw il-kundizzjonijiet meħtieġa għall-għoti tad-dritt, kif speċifikati fl-Artikolu 6(2) u (3) tad-Digriet tad-19 ta' Marzu 2009 imsemmi qabel.

Dawn l-applikazzjonijiet għandhom jintbagħtu permezz ta' ittra rreġistrata lill-Ministru għall-Ambjent, in-Natura, il-Foresti, il-Ħajja Rurali u l-Benesseri tal-Annimali ta' Wallonia fl-indirizz li ġej:

rue d'Harscamp 22  
5000 Namur  
BELGIUM

Il-gvern ta' Wallonia jieħu d-deċiżjoni tiegħu abbażi tal-kriterji oġġettivi u nondiskriminatorji li ġejjin:

- a) il-kapaċitajiet tekniċi u finanzjarji tal-applikanti;
- b) il-mod li bih jipproponu li jwettqu riċerka, esplorazzjoni u estrazzjoni fiż-żona ġeografika inkwistjoni;
- c) meta jkunu ppreżentati bosta applikazzjonijiet b'merti ugwali fir-rigward tal-kapaċitajiet tekniċi u finanzjarji, kif ukoll fir-rigward tal-programm tar-riċerka u l-estrazzjoni:
  1. il-kwalità tal-istudji preliminari mwettqa sabiex ikun definit il-pjan tax-xogħlijiet;
  2. l-effikaċja u l-kompetenza murija mill-applikanti b'rabta ma' awtorizzazzjonijiet possibbli oħra, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda l-ħarsien tal-ambjent;
  3. il-prossimità possibbli ta' żona li diġà ġiet esplorata jew sfruttata mill-applikanti;
  4. il-konsegwenzi pożittivi pplanati għall-iżvilupp tar-Reġjun ta' Wallonia u tal-attivitajiet teknoloġiċi fit-territorju tiegħu.

### **Speċifikazzjoni standard**

Speċifikazzjoni standard li fiha l-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti minimi rigward it-tweġiq u t-terminazzjoni tal-attivitajiet ikkonċernati jinsabu fuq is-sit tas-Servizz Pubbliku ta' Wallonia għall-Agricoltura, ir-Riżorsi Naturali u l-Ambjent: <http://environnement.wallonie.be>

Kull tagħrif kumplimentari ieħor jista' jinkiseb mis-Service public de Wallonie, Direction générale de l'agriculture, ressources naturelles et environnement — Avenue Prince de Liège 15 — 5100 Jambes, Belgium, mingħand id-Direction des risques industriels, géologiques et miniers (Tel. +32 81 336 36 — Indirizz elettroniku: [risques.environnement@spw.wallonie.be](mailto:risques.environnement@spw.wallonie.be)).